**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 684/92**

**tas-16 ta' Marzu 1992**

**dwar regoli komuni għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-coach u bix-xarabank**

(ĠU L 74 , 20.3.1992, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►**M1** | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 11/98 tal-11 ta' Diċembru 1997 | L 4 | 1 | 8.1.1998 |

Emendata minn:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ►**A1** | Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea | L 236 | 33 | 23.9.2003 |

▼B

# IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 684/92

## tas-16 ta' Marzu 1992

## dwar regoli komuni għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-coach u bix-xarabank

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi, skond l-Artikolu 75(1)(a) tat-Trattat, l-istabbiliment ta' politika komuni ta' trasport jinkludi, *inter alia*, li jiġu stabbiliti regoli komuni applikabbli għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bit-triq;

Billi dawn ir-regoli kienu stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill Nru 117/66/KEE ([4]), (KEE) Nru 516/72 ([5]) u (KEE) Nru 517/72 ([6]) u billi dan ir-Regolament ma jdaħħalx inkwistjoni l-liberalizzazzjoni milħuqa b'dawk ir-Regolamenti;

Billi l-libertà biex jiġu pprovduti servizzi tikkostitwixxi prinċipju bażiku tal-politika komuni ta' trasport u teħtieġ li trasportaturi mill-Istati Membri kollha jkunu garantiti aċċess għas-swieq ta' trasport internazzjonali mingħajr diskriminazzjoni fuq bażijiet ta' ċittadinanza jew post ta' stabbiliment;

Billi għandu jkun hemm dispożizzjoni għal arranġamenti flessibbli soġġetti għal ċerti kondizzjonijiet għal servizzi tax-*shuttle* b'akkomodazzjoni, servizz regolari speċjali u ċerti servizzi okkażjonali, sabiex tkun sodisfatta d-domanda tas-suq;

Billi, filwaqt li jinżammu arranġamenti ta' awtorizzazzjoni għal servizzi regolari u servizzi tax-*shuttle* mingħajr akkomodazzjoni, ċerti regoli għandhom jiġu emendati, b'mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri ta' awtorizzazzjoni;

Billi l-osservanza tar-regoli tat-Trattat dwar il-kompetizzjoni għanda tiġi garantita;

Billi formalitajiet amministrattivi għandhom jitnaqqsu kemm jista' jkun mingħajr l-abbandun tal-kontrolli u l-penali li jiggarantixxu l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament;

Billi huwa għall-Istati Membri li jadottaw il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament;

Billi l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jsir monitoraġġ fuqha permezz ta' rapport li għandu jiġi sottomess mill-Kummissjoni u kull azzjoni futura f'dan il-qasam għandha tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' dak ir-rapport,

---

([1]) ĠU C 120, tas-6.5.1987, p. 9,ĠU C 301, tas-26.11.1988, p. 5 uĠU C 31, tas-7.2.1989, p. 9.
([2]) ĠU C 94, tal-11.4.1988, p. 126.
([3]) ĠU C 356, tal-31.12.1987, p. 62.
([4]) ĠU 147, tad-9.8.1966, p. 2688/66.
([5]) ĠU L 67, ta' l-20.3.1972, p. 13. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2778/78 (ĠU L 133, tat-30.11.1978, p. 4).
([6]) ĠU L 67, ta' l-20.3.1972, p. 19. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1301/78 (ĠU L 158, tas-16.6.1978, p. 1).

▼B

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TAQSIMA I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*L-Artikolu 1*

**Kamp ta' l-applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għat-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-*coach* u bix-xarabank ġewwa t-teritorju tal-Komunità minn trasportaturi għall-kiri jew għall-ħlas jew trasportaturi indipendenti stabbiliti fi Stat Membru skond il-liġi tiegħu, bl-użu ta' vetturi li huma rreġistrati f'dak l-Istat Membru u huma adegwati, permezz tal-kostruzzjoni u t-tagħmir tagħhom, biex jittrasportaw aktar minn disa' persuni, inkluż ix-xufier, u huma hekk intiżi, u għall-moviment ta' dawn il-vetturi vojta inkonnessjoni ma' dan it-trasport.

Il-Bdil ta' vettura jew interruzzjoni ta' trasport biex ikun possibbli li parti mill-vjaġġ li għandu jsir b'mezz ieħor ta' trasport ma jaffettwax l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Fil-każ ta' trasport minn Stat Membru lejn pajjiż mhux membru u viċi versa, dan ir-Regolament għandu japplika għal dik il-parti mill-vjaġġ fit-territorju ta' l-Istat Membru li jiġbor jew iniżżel, wara konklużjoni tal-ftehim neċessarju bejn il-Komunità u l-pajjiż terz ikkonċernat.

3. Fl-istennija tal-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi kkonċernati, dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa dispożizzjonijiet li jirrelataw għat-trasport imsemmi fil-paragrafu 2 kontenut fil-ftehim bilaterali konklużi bejn l-Istati Membri ma' dawk il-pajjiżi terzi. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jadattaw dak il-ftehim biex jassiguraw konformità mal-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni bejn trasportaturi Komunitarji.

*L-Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. **Is-Servizzi regolari**

1.1. Is-Servizzi regolari huma s-servizzi li jipprovdu għat-trasport ta' passiġġieri f'intervalli speċifikati tul rotot speċifiċi, meta passiġġieri jinġabru u jitniżżlu f'postijiet ta' waqfien predeterminati. Is-Servizzi regolari għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd, soġġett, meta approprjat, għal riserva obbligatorja.

▼M1

In-natura regolari tas-servizz ma tiġix effettwata minn xi aġġustament fil-kondizzjonijiet operattivi tas-servizz.

▼B

1.2. Is-Servizzi, organizzati minn min ikun, li jipprovdu għat-trasport ta' kategoriji speċifikati ta' passiġġieri bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħrajn, safejn dawn is-servizzi jkunu operati taħt il-kondizzjonijiet speċifikati f'1.1., għandhom jitqiesu li jkunu servizzi regolari. Dawn is-servizzi huma hawnhekk iżjed il quddiem imsejħa 'servizzi regolari speċjali.

Is-Servizzi regolari speċjali għandhom jinkludu:

(a) it-trasport ta' ħaddiema bejn id-dar u x-xogħol,

(b) it-trasport lejn u mill-istituzzjoni edukattiva għal tfal ta' l-iskola u studenti,

(ċ) it-trasport ta' suldati u l-familji tagħhom bejn l-Istat ta' l-oriġini tagħhom u ż-żona tal-*barracks* tagħhom.

▼M1

▼B

Il-fatt li s-servizz speċjali jista' jiġi mibdul skond il-ħtiġiet ta' l-utenti m'għandux jaffettwa l-klassifika tiegħu bħala servizz regolari.

1.3. L-organizzazzjoni ta' servizzi paralleli temporanji, li jservu l-istess pubbliku bħas-servizzi regolari eżistenti, ►M1 ——— ◄ in-*non-serving* ta' ċerti waqfiet u s-servizz ta' waqfiet addizzjonali fuq servizzi regolari eżistenti għandhom ikunu rregolati mill-istess regoli bħal is-servizzi regolari eżistenti.

▼M1

———

▼B

3. **Is-Servizzi okkażjonali**

▼M1

3.1. Is-servizzi okkażjonali huma servizzi li ma jaqblux mad-definizzjoni ta' servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali u li jkunu kkaratterizzati fuq kollox mill-fatt li dawn iġorru gruppi ta' passiġġieri miġbura fuq l-inizjattiva tal-klijent jew tat-trasportatur innifsu.

L-organizzazzjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji komparabbli ma' servizzi regolari eżistenti u li jaqdu lill-istess pubbliku bħal dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni skond il-proċedura stabbilita fit-Sezzjoni II.

———

▼B

3.3. Is-servizzi msemmija fil-punt 3 m'għandhomx jieqfu milli jibqgħu servizzi okkażjonali biss minħabba li jkunu provduti f'ċerti intervalli.

3.4. Is-Servizzi okkażjonali jistgħu jingħataw minn grupp ta'trasportaturi li jaġixxi għan-nom ta' l-istess kuntrattur, u dawk li jivvjaġġaw jistgħu jaqbdu konnessjoni fi triqithom, ma' trasportatur differenti ta' l-istess grupp, fit-territorju ta' wieħed mill-Istati Membri.

L-ismijiet ta' dawn it-trasportaturi u l-punti ta' konnessjoni fit-triq għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati, skond il-proċeduri li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni ►M1 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16a ◄.

▼M1

4. **L-operazzjonijiet ta' trasport mhux bi qligħ**

L-operazzjonijiet tat-trasport bi mhux bi qligħ huma dawk li jsiru għal skopijiet mhux kummerċjali u mhux bi qligħ minn persuna naturali jew legali, basta li:

— l-attività tat-trasport tkun biss attività anċillari għal dik il-persuna naturali jew legali,

— il-vetturi wżati jkunu l-proprjetà ta' dik il-persuna naturali jew legali jew ikunu ġew akkwistati b'xiri fit-tul minnhom jew ikunu suġġetti għal kuntratt ta' kiri fit-tul u jkunu misjuqa minn membru tal-persunal tal-persuna naturali jew legali jew mill-persuna naturali nfisha.

▼B

*L-Artikolu 3*

**Libertà li jiġu provduti servizzi**

1. Kull trasportatur għal kiri jew għal ħlas imsemmi fl-Artikou 1 għandu jitħalla jagħti s-servizzi ta' trasport definiti fl-Artikolu 2 mingħajr diskriminazzjoni dwar ċittadinanza jew post ta' stabbiliment jekk:

▼M1

— ikun awtorizzat fl-Istat fejn ikun stabbilit biex jidħol għall-ġarr permezz ta' servizzi regolari inklużi servizzi regolari speċjali jew servizzi okkażjonali bil-kowċ u x-xarabank;

▼B

— jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti skond ir-regoli Komunitarji dwar ammissjoni għax-xogħol ta' operatur tat-trasport ta' passiġġieri tat-triq f'operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali u internazzjonali;

— jissodisfa ħtiġiet legali dwar sigurtà tat-toroq sa fejn ikunu kkonċernati standards għal sewwieqa u vetturi.

2. Kull trasportatur għall-kont proprju msemmi fl-Artikolu 1 għandu jitħalla jagħti s-servizzi ta' trasport definiti fl-Artikolu 13 mingħajr diskriminazzjoni għaċ-ċittadinanza jew għall-post ta' stabbiliment jekk ikun:

— awtorizzat fl-Istat ta' stabbiliment jieħu fuqu t-trasport bil-*coach* u bix-xarabank skond il-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-suq stabbiliti bil-leġislazzjoninazzjonali;

— jissodisfa l-ħtiġiet legali dwar is-sigurtà fit-toroq sa fejn ikunu kkonċernati l-istandards għal xufiera u vetturi.

▼M1

*L-Artikolu 3a*

**Il-liċenzja Komunitarja**

1. Biex iwettaq l-operazzjonijiet ta' trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank, kwalunkwe ġarrier li jkun konformi malkriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) għandu jkollu liċenzja Komunitarja maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn dan ikun stabbilit li tkun konformi mal-mudell li jidher fl-Anness.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit għandu joħroġ lid-detentur l-oriġinali tal-liċenzja Komunitarja, li għandha tinżamm mill-ġarrier, u l-għadd ta' kopji awtentikati li jikkorrispondu man-numru tal-vetturi użati għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri għad-dispożizzjoni tad-detentur tal-liċenzja Komunitarja, jew f'pussess assolut, jew f'forma oħra, b'mod speċjali bis-saħħa ta' kuntratt ta' xiri bin-nifs, kuntratt ta' kiri jew kuntratt ta' *leasing*.

3. Il-liċenzja Komunitarja għandha tiġi stabbilita f'isem il-ġarrier u ma tistax tiġi trasferita. Kopja awtentika tal-liċenzja Komunitarja għandha tinżamm fuq il-vettura u għandha tiġi ppreżentata malli tintalab minn uffiċjal ta' l-ispettorat awtorizzat.

4. Il-liċenzja Komunitarja għandha tinħareġ għal perijodu ta' ħames snin li jistgħu jiġġeddu.

5. Il-liċenzja Komunitarja għandha tidħol minflok id-dokument maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment u tkun tiċċertifika li l-ġarrier għandu aċċess għas-suq tal-ġarr internazzjonali ta' passiġġieri fuq it-toroq.

6. Meta tiġi mressqa applikazzjoni għal liċenzja, u ta' lanqas kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment għandhom jivverifikaw jekk il-ġarrier ikunx konformi u jibqax ikun konformi mal-kondizzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

7. Meta l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) ma jiġux osservati, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment għandhom jirrifutjaw li joħorġu jew iġeddu l-liċenzja Komunitarja permezz ta' deċiżjoni b'raġunijiet.

8. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu d-dritt ta' l-applikant, jew tad-detentur, tal-liċenzja Komunitarja għall-appell kontra d-deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment li jirrifjuta jew jirtira l-liċenzja.

9. L-Istat Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar ta' kull sena dwar in-numru ta' ġarrieri li jkollhom liċenzja Komunitarja sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel u dwar in-numru tal-kopji awtentitikati li jkunu jikkorrispondu man-numru ta' vetturi fiċ-ċirkolazzjoni f'dik id-data.

▼M1

10. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-liċenzja Komunitarja għandha tkun valida wkoll għal operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali.

*L-Artikolu 4*

**L-aċċess għas-suq**

1. Is-servizzi okkażjonali kif definiti fl-Artikolu 2(3.1) m'għandhomx bżonn l-awtorizzazzjoni.

2. Is-servizzi regolari speċjali definiti mill-Artikolu 2(1.2) m'għandhomx bżonn l-awtorizzazzjoni jekk dawn ikunu koperti b'kuntratt konklużbejn l-organizzatur u l-ġarrier.

3. Il-vjaġġi battala minn vetturi b'konessjoni ma' l-operazzjonijiet tat-trasport imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, bl-istess mod m'għandhomx bżonn ta' l-awtorizzazzjoni.

4. Is-servizzi regolari kif definiti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1.1) u s-servizzi regolari speċjali mhux koperti minn kuntratt bejn l-organizzatur u l-ġarrier ikollhom bżonn awtorizzazzjoni skond l-Artikoli 5 sa 10.

5. L-arranġamenti għal operazzjonijiet ta' trasport bi spejjeż proprji huma stabbiliti fl-Artikolu 13.

▼B

IT-TAQSIMA II

▼M1

**IS-SERVIZZI REGOLARI SUĠĠETTI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI**

▼B

*L-Artikolu 5*

**Natura ta' l-awtorizzazzjoni**

1. Awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu f'isem l-intrapriża tat-trasport; dawn ma jistgħux jiġu trasferiti minn din ta' l-aħħar lil partijiet terzi. Madankollu, it-trasportatur li jkun irċieva l-awtorizzazzjoni jista', bil-kunsens ta' l-awtorità msemmija fl-Artikolu 6(1), jopera s-servizz permezz ta' sub-kuntrattur. F'dan il-każ, l-isem ta' l-intrapriża ta' l-aħħar u r-rwol tagħha bħala sub-kuntrattur għandhom jiġu indikati fl-awtorizzazzjoni. Is-sub-kuntrattur għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1).

►M1 Fil-każ ta' impriżi assoċjati bl-iskop li jiġi operat servizz regolari, l-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ f'isem l-impriżi kollha. ◄ Din għandha tingħata lill-intrapriża li timmaniġġa l-operazzjoni u kopji għandhom jingħataw lill-oħrajn. L-awtorizzazzjoni għandha tiddikjara l-ismijiet ta' l-operaturi kollha.

►M1 2. Il-perijodu tal-validità ta' awtorizzazzjoni m'għandux jiskorri l-ħames snin.◄ Dan jista' jiġi stabbilit jew fuq talba ta' l-applikant jew permezz ta' kunsens reċiproku ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom il-passiġġieri jinġabru jew jitniżżlu.

3. L-Awtorizzazzjonijiet għandhom jispeċifikaw dan li ġej:

(a) it-tip ta' servizz;

(b) ir-rotta tas-servizz, fejn jingħata b'mod partikolari il-post ta' tluq u l-post ta' destinazzjoni;

(ċ) il-perjodu ta' validità ta' l-awtorizzazzjoni;

▼M1

(d) il-waqfiet u l-iskeda tal-ħinijiet.

▼B

4. L-Awtorizzazzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' mudell stabbilit mill-Kummissjoni ►M1 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16a ◄.

▼M1

5. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jintitolaw lid-detentur(i) biex joperaw servizzi regolari fit-territorji ta' l-Istati Membri kollha li minnhom jgħaddu r-rotot tas-servizz.

6. L-operatur ta' servizz regolari jista' juża vetturi addizzjonali biex ilaħħaq ma sitwazzjonijiet temporanji u eċċezzjonali.

F'dan il-każ, il-ġarrier għandu jassigura li d-dokumenti li ġejjin ikunu fil-vettura:

— kopja ta' l-awtorizzazzjoni tas-servizz regolari,

— kopja tal-kuntratt bejn l-operatur tas-servizz regolari u l-impriża li tkun tipprovdi l-vetturi addizzjonali jew dokumnet ekwivalenti,

— kopja awtentikata tal-liċenzja Komunitarja maħruġa lill-operatur tas-servizz regolari.

▼B

*L-Artikolu 6*

**Sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni**

▼M1

1. L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tas-servizzi regolari għandhom jiġu mressqa lejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikun jinsab il-post tat-tluq, minn issa 'l quddiem imsejħa "l-awtorità awtorizzanti".Il-post tat-tluq għandu jfisser "wieħed mit-terminali tas-servizz".

▼B

2. L-Applikazzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' mudell stabbilit mill-Kummissjoni ►M1 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16a ◄.

▼M1

3. Il-persuni li japplikaw għall-awtorizzazzjoni għandhom jipprovdu kull informazzjoni oħra li jikkunsidraw li tista' tkun relevanti jew li tkun ġiet mitluba mill-awtorità awtorizzanti, b'mod partikolari skeda tas-sewqan biex tagħmilha possibbli li tiġi monitorjata l-konformità mal-leġislazzjoni Komunitarja dwar is-sewqan u l-perijodi tal-mistrieħ u kopja tal-liċenzja Komunitarja għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri fuq it-toroq għal kiri jew kumpens kif provdut fl-Artikolu 3a.

*L-Artikolu 7*

**Il-proċedura ta' l-awtorizzazzjoni**

1. L-awtorizzazzjonijiet għandhom jinħarġu bi ftehim ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri kolllha li fit-territorju tagħhom jitrikkbu jew jitniżżlu l-passiġġieri. L-awtorità awtorizzanti għandha tibgħat lil dawn l-awtoritajiet — kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li t-territorji tagħhom jiġu traversati mingħajr ma l-passiġġieri jitrikkbu jew jitniżżlu — kopja ta' l-applikazzjoni, flimkien ma kopji ta' xi dokumenti relevanti oħra, u l-valutazzjoni tagħha.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li l-qbil tagħhom ikun ġie mitlub, għandhom jgħarrfu lill-awtorità awtorizzanti dwar id-deċiżjoni tagħhom rigward l-applikazzjoni fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien stipulat għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-wasla tat-talba għal opinjoni kif tkun tidher fl-ittra li tirrikonoxxi li waslet. Jekk matul dan il-perijodu l-awtorità awtorizzanti ma tkunx irċeviet ebda tweġiba, l-awtoritajiet ikkonsultati għandhom jitqiesu li jkun taw il-kunsens tagħhom u l-awtorità awtorizzanti għandha toħroġ l-awtorizzazzjoni.

L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li t-territorji tiegħu jiġu ttraversati mingħajr ma' l-passiġġieri jitrikkbu jew jitniżżlu, jista' javża lill-awtorità awtorizzanti dwar il-kummenti tiegħhu fiż-żmien stipulat kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu.

3. Suġġett għall-paragrafi 7 u 8, l-awtorità awtortizzanti għandha tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi żmien erba' xhur mid-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni mill-ġarrier.

▼M1

4. L-awtorizzazzjoni għandha tinħareġ ħlief meta:

(a) l-applikant ikun inkapaċi li jipprovdi s-servizz li jkun is-suġġett ta' l-applikazzjoni b'tagħmir li jkollu direttament għad-dispożizzjoni tiegħu;

(b) fl-imgħoddi l-applikant ma jkunx qagħad għal-leġislazzjoni nazzjonali u internazzjonali dwar it-trasport fuq it-toroq u b'mod partikolari għall-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu ma'l-awtorizzazzjonijiet għas-servizzi internazzjonali tal-passiġġieri fuq it-toroq, jew ikun ikkomettta ksur serju tal-liġi fir-rigward tal-ħarsien fis-sewqan, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli applikabbli għal vetturi kif ukoll għal sewqan u perijodi ta' mistrieħ tas-sewwieqa.

(c) fil-każ ta' applikazzjoni għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni, il-kondizzjonijiet ta' l-awtorizzazzjoni ma jkunux ġew osservati;

(d) tkun ingħatat prova li s-servizz f'dak il-każ ikun sa jikkompromietti direttament l-eżistenza tas-servizzi regolari diġa awtorizzati, minbarra fil-każi li fihom is-servizzi regolari f'dak il-każ ikunu twettqu minn ġarrier wieħed jew grupp ta' ġarrieri biss;

(e) ikun jidher li l-operazzjoni tas-servizzi koperti mill-applikazzjoni tkun immirata biss lejn dawk li huma l-aktar ta' qligħ fost is-servizzi eżistenti fuq ir-rotot ikkonċernati.

(f) l-Istat Membru jiddeċiedi fuq il-bażi ta' analiżi dettaljat li l-imsemmi servizz sa jaffettwa ħażin serjament il-vijabilità tas-servizzi ferrovjarji komparabbli fuq is-sezzjonijiet diretti kkonċernati. Kwalunkwe deċiżjoni li toħroġ minn din id-dispożizzjoni, flimkien mar-raġunijiet li fuqhom tkun ibbażata, għandhom jiġu mgħarrfa lill-ġarrieri konċernati.

Mill-1 ta' Jannar 2000, fil-każ li s-servizz internazzjonali eżistenti tax-xarabank ikun qiegħed serjament jaffettwa l-vijabilità ta' servizz ferrovjarju komparabbli fuq is-sezzjonijiet diretti kkonċernati, l-Istat Membru jista', bi qbil mal-Kummissjoni, jissospendi jew jirtira l-awtorizzazzjoni biex jitħaddem is-serviz internazzjonali tax-xarabnk wara li jingħata sitt xhur żmien lill-ġarrier.

Il-fatt li ġarrier joffri prezzijiet orħos minn dawk offruti minn ġarrieri oħra fuq it-toroq jew il-fatt li r-rotta f'dak il-każ tkun diġa mħaddma minn ġarrieri oħra tat-toroq ma tistax minnha nnifisha tikkostitwixxi ġustifikazzjoni biex tiġi miċħuda l-applikazzjoni.

5. L-awtorità awtorizzanti u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kollha nvoluti fil-proċedura biex jintlaħaq il-qbil provdut fil-paragrafu 1 jistgħu jiċħdu l-appikazzjonijiet biss fuq il-bażi tar-raġunijiet kompatibbli ma' dan ir-Regolament.

6. Jekk il-proċedura biex jintlaħaq il-ftehim imsemmija fil-paragrafu 1 ma tagħmilhiex possibli li l-awtorità awtorizzanti tiddeċiedi dwar applikazzjoni, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lejn il-Kummissjoni fiż-żmien stipulat ta' ħames xhur ikkalkulat mid-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni mill-ġarrier.

7. Wara li tikkonsulta l-Istati Membri konċernati, il-Kummissjoni għandha fi żmien għaxar ġimgħat tieħu deċiżjoni li tidħol fis-seħħ fi żmien tletin jum min-notifika ta' l-Istat Membru kkonċernat.

8. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tibqa fis-seħħ sa dak iż-żmien meta jintlaħaq qbil bejn l-Istati Membri konċernati.

9. Wara li tkun intemmet il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-awtorità awtorizzanti għandha tinforma lill-awtoritaitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 dwar id-deċiżjoni tagħha, filwaqt li tibgħatilhom kopja ta' xi awtorizzazzjoni; l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri li jiġu traversati jistgħu jindikaw li huma ma jixtiqux li jiġu b'hekk informati.

▼B

*L-Artikolu 8*

**Għotja u t-tiġdid ta' awtorizzazzjonijiet**

1. Ladarba l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 7 ikunu ġew ikkompletati, l-awtorità li tagħti awtorizzazzjoni għandha tagħti l-awtorizzazzjoni jew formalment tirrifjuta l-applikazzjoni.

2. Id-Deċiżjonijiet li jirrifjutaw applikazzjoni għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li intrapriżi ta' trasport jingħataw l-opportunità li jagħmlu rappreżentazzjonijiet fl-eventwalità li l-applikazzjoni tagħhom tiġi rifjutata.

3. L-Artikolu 7 għandu japplika, *mutatis mutandis*, għal applikazzjonijiet għat-tiġdid ta' l-awtorizzazzjonijiet jew għall-alterazzjoni tal-kondizzjonijiet li taħthom għandhom jitwettqu s-servizzi soġġetti għal awtorizzazzjoni.

Fil-każ ta' alterazzjoni minuri għall-kondizzjonijiet ta' l-operazzjoni, b'mod partikolari aġġustament►**M1** ta' l-intervalli ◄ ta' tariffi u orarji, l-awtorità li tagħti awtorizzazzjoni teħtieġ biss li tagħti lill-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati l-informazzjoni inkwistjoni.

L-Istati Membri kkonċernati jistgħu wkoll jiftiehmu li l-awtorità li tagħti awtorizzazzjoni weħidha tiddeċiedi dwar l-alterazzjonijiet għall-kondizzjonijiet li taħthom huwa rregolat servizz.

*L-Artikolu 9*

**L-iskadenza ta' awtorizzazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 1191/69 ([1]), awtorizzazzjoni għal servizz regolari għandha tiskadi fl-aħħar tal-perjodu ta' validità tagħha jew tliet xhur wara li l-awtorità li tagħti awtorizzazzjoni tirċievi mit-titolari tagħha notifika ta' l-intenzjoni tagħha li tirtira s-servizz. Din in-notifika għandu jkollha dikjarazzjoni xierqa tar-raġunijiet.

2. Meta d-domanda għal servizz tieqaf teżisti, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jitnaqqas għal xahar.

3. L-awtorità li tagħti awtorizzazzjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħrajn ikkonċernati li l-awtorizzazzjoni tkun skadiet.

▼M1

---

▼B

5. It-titolari ta' l-awtorizzazzjoni għandu jinnotifika lil utenti tas-servizz ikkonċernati bl-irtirar tiegħu xahar qabel permezz ta' pubblikità approprjata.

*L-Artikolu 10*

**Obbligi tat-trasportaturi**

1. Ħlief fil-każ ta' forza maġġuri, l-operatur ta' servizz regolari għandu, sakemm tiskadi l-awtorizzazzjoni, jieħu l-miżuri kollha biex jiggarantixxi servizz ta' trasport li jissodisfa l-istandards ta' kontinwità, regolarità u kapaċità u jikkonforma ma' kondizzjonijiet oħrajn stabbiliti mill-awtorità kompetenti skond l-Artikolu 5(3).

2. It-trasportatur għandu juri r-rotta tas-servizz, il-*bus stops*, l-orarju, it-tariffi u l-kondizzjonijiet tat-trasport — safejn dawn ma jkunux stabbiliti bil-liġi — b'mod li jiġi żgurat li din l-informazzjoni tkun disponibbli malajr għall-utenti kollha.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 tas-26 ta' Ġunju 1969 dwar azzjoni minn Stati Membri li tikkonċerna l-obbligi inerenti fil-kunċett ta' servizz pubbliku fit-trasport bil-ferrovija, bit-triq u bil-kanali interni (ĠU L 156, tat-28.6.1969, p. 1). Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1893/91 (ĠU L 169, tad-29.6.1991, p. 1).

▼B

3. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KEE) Nru 1191/69, għandu jkun possibbli għall-Istati Membri kkonċernati, permezz ta' ftehim komuni u bi ftehim mat-titolari ta' l-awtorizzazzjoni, li jsiru tibdiliet għall-kondizzjonijiet ta' l-operazzjoni li jirregolaw servizz regolari.

IT-TAQSIMA II

▼M1

**IS-SERVIZZI OKKAŻJONALI U S-SERVIZZI L-OĦRA EŻENTI MILL-AWTORIZZAZZJONI**

*L-Artikolu 11*

**Il-formola tal-vjaġġ**

1. Waqt li jseħħu, is-servizzi msemmija fl-Artikolu 4(1) għandhom ikunu koperti minn formola tal-vjaġġ.

2. Trasportatur li jkun jopera s-servizzi okkażjonali għandu jimla formola tal-vjaġġ qabel kull vjaġġ.

3. Il-formola tal-vjaġġ għandu jkun hemm fiha ta' l-anqas din l-informazzjoni:

(a) it-tip ta' servizz;

(b) l-itinerarju prinċipali

(ċ) it-trasportatur(i) involut(i).

4. Il-kotba tal-formoli tal-vjaġġi għandhom jiġu pprovduti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri meta l-impriża tat-trasport tkun stabbilita jew minn korpi maħtura minn dawk l-awtoritajiet.

5. Il-Kummissjoni għandha, b'konformità mal-proċedura pprovduta fl-Artikolu 16a, tistabilixxi l-mudell tal-formola tal-vjaġġ u l-mod kif din għandha tintuża.

▼B

*L-Artikolu 12*

**Ħarġiet lokali**

Fil-qafas ►M1 ———— ◄servizz okkażjonali internazzjonali, trasportatur jista' jwettaq servizzi okkażjonali (ħarġiet lokali) fi Stat Membru minbarra f'dak li fih ikun stabbilit.

Dawn is-servizzi għandhom ikunu ntiżi għal passiġġieri mhux residenti, li qabel kienu ttrasportati mill-istess trasportatur fuq waħda mis-servizzi internazzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu u għandhom jitwettqu bl-istess vettura jew vettura oħra bl-istess trasportatur jew grupp ta' trasportaturi.

IT-TAQSIMA IV

**OPERAZZJONIJIET TA' TRASPORT GĦALL-KONT PROPRJU**

*L-Artikolu 13*

1. Operazzjonijiet ta' trasport għall-kont proprju definiti fil-punt 4 ta' l-Artikolu 2 għandhom ikunu eżentati minn kull sistema ta' awtorizzazzjoni iżda għandhom ikunu soġġetti għal sistema ta' ċertifikati.

▼M1

———————

▼B

3. Iċ-certifikati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-vettura tkun reġistrata u għandhom ikunu validi għall-vjaġġ kollu inkluż it-transitu.

Għandhom jikkonformaw ma' mudell determinat mill-Kummissjoni ►M1 skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16a ◄.

▼B

IT-TAQSIMA V

**KONTROLLI U PENALITAJIET**

*L-Artikolu 14*

**Biljetti ta' trasport**

1. Passiġġieri li jużaw servizz regolari, minbarra servizzi regolari speċjali, ►M1 ——————— ◄tax-*shuttle* għandhom matul il-vjaġġ ikollhom biljetti ta' trasport, jew individwali inkella kollettivi, li jindikaw:

— il-punti ta' tluq u destinazzjoni u, meta approprjat, il-vjaġġ ta' ritorn;

— il-perjodu ta' validità tal-biljett;

▼M1

— il-prezz tat-trasport.

▼B

2. Il-biljett ta' trasport previst fil-paragrafu 1 għandu jiġi ppreżentat fuq talba ta' kull uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

*L-Artikolu 15*

**Spezzjonijiet fit-triq u f'intrapriżi**

1. Id-dokument ta' awtorizzazzjoni jew ta' kontroll għandu jinġarr fuq il-vettura u għandu jiġi ppreżentat fuq it-talba ta' kull uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Fil-każ tas-servizzi koperti bl-Artikolu 4(2), il-kuntratt jew kopja tiegħu ċertifikata bħala vera għandu jservi bħala dokument ta' kontroll.

2. Trasportaturi li joperaw *coaches* u xarabanks fi trasport internazzjonali tal-passiġġieri għandhom iħallu li jsiru l-ispezzjonijiet kollha intiżi li jiżguraw li l-operazzjonijiet ikunu qed isiru korrettement, b'mod partikolari fir-rigward ta' sewqan u perjodi ta' serħan. Fil-kuntest ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw għandhom ikollhom l-awtorità li:

(a) jikkontrollaw il-kotba u dokumentazzjoni oħra li tirreferi għall-operazzjoni ta' intrapriża ta' trasport;

(b) jagħmlu kopji ta', jew jieħdu estratti minn, kotba u dokumentazzjoni li jinsabu fil-post;

(ċ) ikollhom aċċess għall-postijiet kollha ta' l-intrapriża ta' trasport, siti u vetturi;

(d) jeħtieġu li jingħataw kull informazzjoni li tinsab fil-kotba, dokumentazzjoni jew *data bases*.

▼M1

*L-Artikolu 16*

**Il-pieni u l-għajnuna reċiproka**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-ġarrier ikun stabbilit għandhom jirtiraw il-liċenzja Komunitarja kif ipprovdut fl-Artikolu 3a meta d-detentur:

— m'għadux jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1),

— ikun ta informazzjoni skorretta rigward id-data li kienet meħtieġa għall-ħruġ tal-liċenzja Komunitarja.

2. L-awtorità awtorizzanti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni jekk id-detentur m'għadux jikkonforma mal-kondizzjonijiet li fuqhom tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni skond dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta l-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-ġarrier ikun qiegħed hekk jesiġi. L-awtorità għandha immedjatament tinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat.

3. Fil-każ ta' nuqqas serju jew ksur żgħir ripetut tar-regolamenti tas-sigurtà fis-sewqan, b'mod partikolari għar-rigward tar-regoli applikabbli għall-vetturi, il-ħin tas-sewqan u l-perijodi tal-mistrieħ tas-sewwieqa u l-provvista mingħajr awtorizzazzjoni ta' servizz parallel u temporanju, kif

▼M1

imsemmi fl-Artikolu 2(1.3), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment tal-ġarrier li jkun ikkommetta dan in-nuqqas jista' fost affarijiet oħra jirtira l-liċenzja Komunitarja jew jirtira temporanjament u/jew parzjalment kopji awtentikati tal-liċenzja Komunitarja.

Dawn il-penali għandhom jiġu determinati skond is-serjetà tal-ksur li tiegħu jkun ħati d-detentur tal-liċenzja Komunitarja u skond l-għadd ta' kopji awtentikati li jkollu fir-rigward tan-negozju internazzjonali tiegħu.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-ġarrier milli jopera fit-territorju tagħhom servizz internazzjonali tal-passiġġieri skond dan ir-Regolament jekk huwa ripetutament jikkommetti nuqqasijiet serji tar-regolamenti li jiggwidaw is-sigurtà fuq it-toroq, b'mod partikolari għar-rigward tar-regoli applikabbli għall-vetturi u s-sewqan u l-ħin tal-mistrieħ tas-sewwieqa. L-awtorità għandha immedjatament tinforma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat.

5. L-Istati Membri għandhom meta mitluba jipprovdu lil xulxin b'xi informazzjoni relevanti fil-pussess tagħhom rigward:

— il-ksur ta' dan ir-Regolament u dak ta' xi regoli Komunitarji oħra applikabbli għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank li jsir fit-territorju tagħhom minn ġarrier ta' Stat Membru ieħor, u l-penali imposti.

— il-penali imposti fuq il-ġarrieri tagħhom għar-rigward tan-nuqqasijiet kommessi fit-territotorju ta' Stat Membru ieħor.

*L-Artikolu 16a*

Meta l-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu tiġi segwita, il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat konsultattiv stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12/98 tal-11 ta' Diċembru 1997, li jistabilixxi l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom il-ġarrieri mhux residenti jistgħu joperaw servizzi nazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri fuq it-toroq ġewwa l-Istat Membru (*) u jkun presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. ([1])

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fiż-żmien stipulat li l-president jista' jistabilixxi skond l-urġenza tal-materja, jekk ikun meħtieġ billi jittieħed vot.

L-opinjoni għandha titniżżel fil-minuti; b'żieda ma' dan kull Stat Membru għandu jkollu d-dritt biex il-pożizzjoni tiegħu titniżżel fil-minuti,

Il-Kummissjoni għandha tqis bl-akbar reqqa l-opinijonijiet li jkun esprima l-kumitat. Din għandha tinforma lill-Kumitat dwar il-manjiera ta' kif qiegħda tqis l-opinjoinijiet tiegħu.

▼B

IT-TAQSIMA VI

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI U FINALI**

*L-Artikolu 17*

**Dispożizzjoni transitorja**

Awtorizzazzjonijiet għal servizzi eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu safejn is-servizzi inkwistjoni jibqgħu soġġetti għal awtorizzazzjoni.

([1]) ĠU L 4, tat-8. 1. 1998, p. 10.

▼B

*L-Artikolu 18*

**Ftehim bejn L-Istati Membri**

1. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim bilaterali u multilaterali dwar aktar liberalizzazzjoni tas-servizzi koperti b'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u s-simplifikazzjoni jew abolizzjoni ta' dokumenti ta' kontroll.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull ftehim konkluż skond il-paragrafu 1.

*L-Artikolu 19*

**Implimentazzjoni**

L-Istati Membri għandhom, qabel l-1 ta' Ġunju 1992 u wara li jikkonsultaw lill-Kummissjoni, jadottaw il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-miżuri.

▼M1

L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri b'mod partikolari rigward il-mezzi li bih isiru l-verifiki u s-sitema tal-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jassiguraw li dawk il-penali jiġu applikati. Il-penali hekk ipprovduti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diswassivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri relevanti lill-Kummissjoni fi żmien 12-il xahar mid-data li fiha r-Regolament jidħol fis-seħħ u jinnotifikaw il-bidliet sussegwenti malajr kemm jista' jkun. Dawn għandhom jassiguraw li l-miżuri kollha ta' din ix-xorta jiġu applikati bla diskrimazzjoni fejn jidħlu n-nazzjonalità jew il-post ta' l-istabbiliment tal-ġarrier.

▼B

*L-Artikolu 20*

**Ir-Rapport u l-proposta tal-Kummissjoni**

1. Qabel l-1 ta' Lulju 1995 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Qabel l-1 ta' Jannar 1996 din għandha tissottometti lill-Kunsill proposta għal Regolament dwar is-simplifikazzjoni tal-proċeduri inkluża — fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-rapport — l-abolizzjoni ta' awtorizzazzjonijiet.

2. Qabel l-1 ta' Jannar 1997 il-Kunsill għandu jaġixxi permezz ta' maġġoranza kkwalifikata fuq il-proposta tal-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*L-Artikolu 21*

**Tħassir**

1. Ir-Regolamenti Nru 117/66/KEE, (KEE) Nru 516/72 u (KEE) Nru 517/72 huma hawnhekk imħassra.

2. Riferenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*L-Artikolu 22*

**Id-Dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ġunju 1992.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼M1

*L-ANNESS*

**IL-KOMUNITÀ EWROPEA**

(a)

(Reżistenti ħafna, kaħlanija - dimensjoni DIN A4)

(L-ewwel paġna tal-liċenzja)

(It-test bil-lingwa(i) uffiċjali jew b'waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istati Membri li qed joħorġu l-liċenzja)

| Is-simbolu distintiv ta' l-Istat Membru (1) li qed joħroġ il-liċenzja | It-titolu uffiċjali ta' l-awtorità kompetenti jew il-korp |
|---|---|

**numru tal-LIĊENZJA**

**għall-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ jew bix-xarabank għall-kiri jew għall-kumpens**

Id-detentur ta' din il-liċenzja (2) .....

.....

.....

.....

huwa awtorizzat biex jagħmel ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ jew bix-xarabank fuq it-toroq b'kiri jew b'kumpens fit-territorju tal-Komunità skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 684/92 tas-16 ta' Marzu 1992, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 11/98 u b'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja

Kummenti: .....

.....

.....

.....

.....

Din il-liċenzja hija valida minn ..... sa .....

Maħruġa fil- ..... fuq .....

..... (3)

(1) (B) il-Belġju, (DK) id-Danimarka, (D) il-Ġermanja, (GR) il-Greċja, (E) Spanja, (F) Franza, (IRL) l-Irlanda, (I) l-Italja, (L) il-Lussemburgu, (NL) l-Olanda, (A) l-Awstrija, (P) il-Portugall, (FIN) il-Finlandja, (S) l-Isvezja, (UK) ir-Renju Unit, ►(1) (CZ) Ir-Repubblika Ċeka, (EST) l-Estonja, (CY) Ċipru, (LV) il-Latvja, (LT) il-Litwanja, (H) l-Ungerija, (M) Malta, (PL) il-Polonja, (SLO) Is-Slovenja, (SK) Is-Slovakkja. ◄

(2) L-isem sħiħ jew l-isem tad-ditta tal-ġarrier.

(3) Il-firma u t-timbru ta' l-awtorità jew il-korp kompetenti li qed joħroġ il-liċenzja.

►(1) A1

▼M1

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. Din il-liċenzja qed tinħareġ b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 684/92 tas-16 ta', Marzu 1992 skond ir-regoli komuni għall-ġarr internazzjonali ta', passiġġieri bix-xarabank u l-kowċ, kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 11/98.

2. Din il-liċenzja qed tinħareġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment tal-ġarrier għall-kiri jew kumpens li:

   — "ikun awtorizzat fl-Istat fejn ikun stabbilit biex jidħol għall-ġarr permezz ta' servizzi regolari inklużi servizzi regolari speċjali jew servizzi okkażjonali bil-kowċ u x-xarabank,".

   — jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti b'konformità mar-regoli Komunitarji dwar id-dħul għall-okkupazzjoni ta' operatur tal-ġarr tal-passiġġieri fuq it-toroq f'operazjonijiet ta' trasport nazzjonali u internazzjonali,

   — jikkonforma mal-ħtiġiet legali dwar il-ħarsien fuq it-toroq safejn għandhom x'jaqsmu n-normi għas-sewwieqa u l-vetturi.

3. Il-liċenzja tippermetti l-ġarr internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u x-xarabank għall-kiri jew kumpens fuq ir-rotot kollha għal vjaġġi li jsiru fit-territorju tal-Komunità.

   — meta l-post tat-tluq u l-post tad-destinazzjoni jkunu qegħdin f'żewġ Stati Membri diversi, bit-transitu jew mingħajru, minn Stat Membru wieħed jew iżjed jew minn pajjiżi terzi.

   — minn Stat Membru lejn pajjiż terz u viċi versa, bit-transitu jew mingħajru, minn Stat Membru wieħed jew aktar jew minn pajjiżi terzi,

   — bejn pajjiżi terzi bi traversata minn territorju ta' Stat Membru wieħed jew iżjed in transitu,

   u vjaġġi battala b'konnessjoni ma' operazzjonijiet ta' trasport skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament (KEE) Nru 684/92.

   Fil-każ ta' operazzjoni tat-trasport minn Stat Membru għal pajjiż terz u viċi versa, ir-Regolament (KEE) Nru 684/92, huwa applikabbli, għall-vjaġġ li jsir fit-territorju ta' l-Istat Membru mnejn isir l-irkib u l-inżul, la darba l-ftehim meħtieġ bejn il-Komunità u l-pajjiż terz f'dak il-każ jkun ġie mwettaq.

4. Din il-liċenzja hija personali u mhux trasferibbli.

5. Il-liċenzja tista', tiġi rtirata mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Menmbru li ħariġha partikolarment meta l-ġarrier:

   — ma jkunx għadu jikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 (1),

   — ikun ta informazzjoni skorretta rigward id-dettalji li kienu meħtieġa għall-ħruġ jew it-tiġdid tal-liċenzja.

   — ikun kiser b'mod serju jew kiser b'mod żgħir irripetut ir-regolamenti tas-sigurta fis-sewqan, b' mod partikolari rigward ir-regoli applikabbli għall-vetturi, il-ħin tas-sewqan u l-perijodi tal-mistrieħ tas-sewwieqa u l-provvista mingħajr awtorizzazzjoni ta' servizz parallel u temporanju, kif imsemmi fl-Artikolu 2(1.3), l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment tal-ġarrier li jkun ikkommetta dan il-ksur jista', fost affarijiet oħra jirtira l-liċenzja Komunitarja jew jirtira temporanjament u/jew parzjalment kopji awtentikati tal-liċenzja Komunitarja.

   Dawn il-penali għandhom jiġu deċiżi skond is-serjetà tal-ksur li tiegħu jkun ħati d-detentur tal-liċenzja Komunitarja u skond l-għadd ta' kopji awtentikati li jkollu rigward in-negozju internazzjonali tiegħu.

6. Il-kopja oriġinali tal-liċenzja għandha tinżamm mill-ġarrier. Il-kopja awtentikata tal-liċenzja għandha tinżamm fuq il-vettura li biha tkun titwettaq operazzjoni ta' ġarr internazzjonali.

7. Din il-liċenzja għandha tiġi murija malli tintalab minn uffiċjali ta' l-ispettorat.

8. Id-detentur għandu, fit-territorju ta' kull Stat Membru, jikkonforma mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri amministrattivi fis-seħħ f'dak l-Istat, partikolarment fir-rigward tat-trasport u t-traffiku.

9. "Servizzi regolari" tfisser servizzi li jipprovdu għall-ġarr tal-passiġġieri f'intervalli speċifikati f'rotot speċifiċi, filwaqt li l-passiġġieri jitrikkbu u jitniżżlu f'waqfiet predeterminati. Is-servizzi regolari għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd, bil-kondizzjoni, fejn ikun xieraq, għal reservazzjoni obbligatorja.

   "In-natura regolari tas-servizz ma tiġix effettwata minn xi aġġustament fil-kondizzjonijiet operattivi tas-servizz.".

   Is-servizzi regolari jeħtieġu l-awtorizzazzjoni.

▼M1

"Servizzi regolari speċjali" tfisser servizzi regolari li jipprovdu għall-ġarr ta' kategoriji speċifiċi ta' passiġġieri, bl-esklużjoni ta' passiġġieri oħra, f'intervalli speċifiċi, matul rotot speċifiċi, filwaqt li l-passiġġieri jitrikkbu u jitniżżlu f'waqfiet predeterminati.

Is-servizzi regolari speċjali jinkludu:

(a) il-ġarr ta' ħaddiema bejn id-dar u x-xogħol;

(b) il-ġarr lejn u minn istituzzjonijiet edukattivi għal tfal ta' l-iskola u studenti;

(ċ) il-ġarr ta' suldati u l-familji tagħhom bejn id-dar tagħhom u ż-żona tal-kwartieri tagħhom.

Il-fatt li servizz speċjali jista', jkun varjat skond il-ħtiġiet ta', dawk li jużawh ma jaffettwax il-klassifika tiegħu bħala sservizz regolari.

Is-servizzi regolari speċjali m'għandhomx bżonn l-awtorizzazzjoni jekk dawn ikunu koperti b'kuntratt konkluż bejn l-organizzatur u l-ġarrier.

L-organizzazzjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji, li jaqdu lill-istess pubbliku bħal servizzi regolari eżistenti, jeħtieġu l-awtorizzazzjoni.

"Servizzi okkażjonali" tfisser servizzi li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' servizzi regolari, inklużi s-servizzi regolari speċjali, u li l-karatteristika prinċipali tagħhom tkun li dawn jġorru gruppi kostitwiti bl-inizjattiva ta' klijent jew ta' ġarrier innifsu. L-organizzazjoni ta' servizzi paralleli jew temporanji komparabbli ma' servizzi regolari eżistenti u li jaqdu lill-istess pubbliku bħal ta' l-aħħar għandhom ikunu suġġetti għall-awtorizzazzjoni skond il-proċedura stabbilita fit-Sezzjoni II tar-Regolament (KEE) Nru 684/92. Dawn is-servizzi m'għandhomx jieqfu milli jibqgħu jitqiesu bħala servizzi okkażjonali sempliċement minħabba li jiġu pprovduti f'ċerti intervalli.

Is-servizzi okkażjonali ma jeħtiġux awtorizzazzjoni.